SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

19 ta' Ġunju 2018 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Direttiva 2004/39/KE – Artikolu 54(1) – Portata tal-obbligu ta' sigriet professjonali li jaqa' fuq l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza finanzjarja – Kunċett ta' 'informazzjoni kunfidenzjali'"

Fil-Kawża C-15/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Novembru 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Jannar 2016, fil-proċedura

Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht

vs

Ewald Baumeister,

fil-preżenza ta':

Frank Schmitt, bħala mandatarju likwidatur ta' Phoenix Kapitaldienst GmbH,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, M. Ilešič, J. L. da Cruz Vilaça (Relatur), C. G. Fernlund u C. Vajda, Presidenti ta' Awla, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, C. Toader, M. Safjan, D. Šváby, A. Prechal, E. Jarašiūnas u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Lulju 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht, minn R. Wiegelmann, bħala aġent,

– għal E. Baumeister, minn P. A. Gundermann, Rechtsanwalt,

– għal F. Schmitt, bħala mandatarju likwidatur ta' Phoenix Kapitaldienst GmbH, minn A. J. Baumert, Rechtsanwalt,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze, J. Möller u D. Klebs, bħala aġenti,

– għall-Gvern Estonjan,, minn K. Kraavi-Käerdi u N. Grünberg, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman u B. Koopman, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna kif ukoll minn B. Majerczyk-Graczykowska u A. Kramarczyk-Szaładzińska, bħala aġenti,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Simmons u Z. Lavery, bħala aġenti, assistiti minn V. Wakefield u S. Ford, barristers,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn I.V. Rogalski, J. Rius u K.-P. Wojcik, bħala aġenti,

– għall-Awtorità ta' sorveljanza AELE, minn C. Zatschler u M. Schneider kif ukoll minn I. O. Vilhjálmsdóttir u M. L. Hakkebo, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 263).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (l-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji, il-Ġermanja) u Ewald Baumeister dwar id-deċiżjoni ta' dan l-uffiċċju li jirrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti dwar Phoenix Kapitaldienst GmbH (iktar 'il quddiem "Phoenix").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 2 u 63 tad-Direttiva 2004/39 jistipulaw:

"(2) […] huwa meħtieġ li jiġi pprovvdut il-grad ta' armonizzazzjoni meħtieġ sabiex joffri lill-investituri livell għoli ta' protezzjoni u sabiex id-ditti ta' l-nvestiment jitħallew jipprovdu servizzi ġewwa l-Komunità kollha, ġaladarba hi Suq Waħdieni, fuq il-bażi tas-sorveljanza tal-pajjiż tal-post [l-Istat Membru tal-oriġini].

[…]

(63) […] Minħabba l-attività tiżdied li taqsam il-fruntieri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lil xulxin it-tagħrif rilevanti sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, sabiex jiżguraw l-infurzar effettiv ta' din id-Direttiva, inklużi s-sitwazzjonijiet meta l-kontravenzjonijiet jew

il-kontravenzjonijiet issuspettati jistgħu jkunu ta' tħassib lill-awtoritajiet f'żewġ Stati Membri jew iktar. Fl-iskambju tat-tagħrif, hija meħtieġa segretezza stretta professjonali sabiex tiġi żgurata t-trasmissjoni bla xkiel ta' dan it-tagħrif u għall-protezzjoni ta' drittijiet partikolari."

4 L-Artikolu 17 ta' din id-direttiva, intitolat "L-Obbligu ġenerali rigward is-sorveljanza kontinwa", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-attivitajiet tad-ditti ta' l-investiment sabiex jistmaw il-konformità mal-kondizzjonijiet operattivi pprovvduti f'din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi jkunu fil-post miżuri approprjati sabiex jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti jiksbu t-tagħrif meħtieġ sabiex jistmaw il-konformità tad-ditti ta' l-investiment ma' dawn l-obbligi."

5 L-Artikolu 50 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Il-Poteri li jridu jsiru disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti", jipprevedi:

"1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw il-poteri kollha tas-sorveljanza u l-investigazzjoni li jkunu meħtieġa għall-eżeċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. […]

2. Il-poteri riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu eżerċitati skond il-liġijiet nazzjonali u għandhom mill-inqas jinkludi d-drittijiet li:

(a) ikollhom aċċess għal kull dokument f'kull għamla u li jirċievu kopja tiegħu;

(b) jiddomandaw tagħrif minn għand kull persuna u, jekk meħtieġ, isejħu u jistaqsu persuna bil-ħsieb li jiksbu tagħrif;

[…]"

6 L-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/39, intitolat "Is-Segretezza professjonali", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, il-persuni kollha li jaħdmu jew li jkunu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti skond l-Artikolu 48(2), kif ukoll l-awdituri u l-esperti mogħtija struzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, jkunu marbuta l-obbligu tas-segretezza professjonali. Ma jista' jiġi żvelat l-ebda tagħrif li jistgħu jirċievu fil-kors tad-dmirijiet tagħhom lill-ebda persuna jew awtorità, ikunu xi jkunu, għajr f'għamla sommarja u aggregata hekk li d-ditti individwali ta' l-investiment jew kull persuna oħra ma jistgħux jiġu identifikati, mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti bil-liġijiet kriminali jew bid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

2. Meta ditta ta' l-investment, operatur tas-suq jew suq irregolat ikunu ġew iddikjarati falluti, jew jagħlqu l-kummerċ bil-fors, jista' jiġi żvelat it-tagħrif kunfidenzali li ma jirrigwardax lil partijiet terzi fil-proċedimenti ċivili jew kummerċjali jekk meħtieġ sabiex jitwettaq il-proċediment.

3. Mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti bil-liġijiet kriminali, l-awtoritajiet kompetenti, il-korpi jew il-persuni naturali jew legali għajr l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu tagħrif kunfidenzali skond din id-Direttiva jistgħu jużawh biss fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom u għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, fil-każ ta' l-awtoritajiet kompetenti, gewwa l-iskop ta' din id-Direttiva jew, fil-każ ta' l-awtoritajiet, il-korpi jew il-persuni naturali u legali l-oħra bil-għan li għalih dan it-tagħrif ikun ġie pprovvdut lilhom u/jew fil-kuntest ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji li jkollhom x'jaqsmu b'mod speċifiku ma' l-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet. Madankollu, meta l-awtorità kompetenti jew kull awtorità, korp jew persuna oħra li jikkomunikaw it-tagħrif jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan, l-awtorità li tirċievi t-tagħrif tista' tużah għal għanijiet oħra.

4. Kull tagħrif kunfidenzali rċevut, skambjat jew trasmess skond din id-Direttiva għandu jkun bla ħsara għall-kondizzjonijiet tas-segretezza professjonali stabbiliti f'dan l-Artikolu. Madankollu, dan l-Artikolu ma għandux jipprevjieni lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw jew jittrasmettu tagħrif kunfidenzali skond din id-Direttiva u d-Direttivi l-oħra li japplikaw għad-ditti ta' l-investment, l-istituzzjonijiet tal-kreditu, il-fondi tal-pensjonijiet, [impriżi għall-investiment kollettiv fit-titoli trasferibbli (l-UCITS)], l-intermedjarji ta' l-assigurazzjoni u ta' l-assigurazzjoni mill-ġdid, l-impriżi ta' l-asikurazzjoni, is-swieq irregolati jew l-operaturi tas-suq jew inkella bil-kunsens ta' l-awtorità kompetenti jew awtorità jew korp jew persuna naturali jew legali oħra li jkunu kkomunikaw dan it-tagħrif.

5. Dan l-Artikolu ma għandux jippevjieni lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw jew jittrasmettu skond il-liġijiet nazzjonali, it-tagħrif kunfidenzali li ma jkunx ġie rċevut minn għand awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor."

7 L-Artikolu 56 ta' din id-direttiva, intitolat "L-Obbligu tal-koperazzjoni", jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri differenti għandhom jikkoperaw ma' xulxin kulmeta meħtieġ bil-għan li jwettqu d-dmirijiet tagħhom u jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom skond din id-Direttiva sewwa jekk iddikjarati f'din id-Direttiva jew fil-liġijiet nazzjonali u sewwa jekk le.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu assistenza lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra. B'mod partikolari, għandhom jiskambjaw it-tagħrif u jikkoperaw f'kull investigazzjoni jew attivitajiet tas-sorveljanza.

[…]"

8 L-Artikolu 58 tal-imsemmija direttiva, intitolat "L-iskambju tat-tagħrif", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Wara li jkunu ġew innominati bħala punti tal-kuntatt għall-għanijiet ta' din id-Direttiva skond l-Artikolu 56(1), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom ifornu minnufih lil xulxin it-tagħrif meħtieġ għall-għanijiet li jitwettqu d-dmirijiet ta' l-awtritajiet kompetenti, innominati skond l-Artikolu 48(1), iddikjarati fid-dispożizzjonijiet skond din id-Direttiva.

L-awtoritajiet kompetenti li jiskambjaw it-tagħrif ma' awtoritajiet kompetenti oħra skond din id-Direttiva jistgħu jindikaw mal-waqt tal-komunikazzjoni li dan it-tagħrif ma jridx jiġi żvelat mingħajr il-qbil espress tagħhom, f'liema każ dan it-tagħrif jista jiġi skambjat biss għall-għanijiet li għalihom dawn l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom."

Id-dritt Ġermaniż

9 L-Artikolu 1(1) tal-Informationsfreiheitsgesetz (il-Liġi dwar il-libertà tal-informazzjoni) tal-5 ta' Settembru 2005 (BGBl. 2005 I, p. 2722), kif emendata bil-Liġi tas-7 ta' Awwissu 2013 (BGBl. 2013 I, p. 3154, iktar 'il quddiem l-"IFG"), hija fformulata kif ġej:

"Kulħadd jista' jinvoka mal-awtoritajiet federali, fiċ-ċirkustanzi previsti minn din il-liġi, id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni uffiċjali".

10 L-Artikolu 3 tal-IFG, intitolat "Protezzjoni tal-interessi pubbliċi partikolari", jipprovdi fil-punt 4 tiegħu:

"Persuna ma tistax tippretendi li jkollha aċċess għall-informazzjoni

[…]

4. meta l-informazzjoni tkun koperta bis-sigriet professjonali jew bis-sigriet tas-servizz jew anki b'obbligu ta' kunfidenzjalità jew ta' diskrezzjoni prevista minn liġi jew minn dispożizzjonijiet amministrattivi ġenerali relattivi għall-protezzjoni materjali u organizzattiva tal-informazzjoni kklassifikata."

11 L-Artikolu 9 tal-Kreditwesengesetz (il-Liġi dwar is-settur tal-kreditu), tad-9 ta' Settembru 1998 (BGBl. 1998 I, p. 2776), kif emendata bil-Liġi tal-4 ta' Lulju 2013 (BGBl. 2013 I, p. 1981, iktar 'il quddiem il-"KWG"), intitolat "Obbligu ta' kunfidenzjalità", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Meta jimplimentaw din il-liġi fil-kuntest tal-attività tagħhom, il-persuni impjegati mill-[Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji], ma għandhomx id-dritt li jiżvelaw jew li jużaw mingħajr permess il-fatti li tagħhom huma kellhom għarfien waqt xogħolhom u li [l-persuni suġġetti għal din il-liġi] jew terza persuna għandhom interess jippriżervaw il-kunfidenzjalità tagħha (b'mod partikolari bħas-sigrieti kummerċjali u tan-negozju), inkluż meta ma jibqgħux fis-servizz jew meta l-attività tagħhom tintemm. […]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li nfetħet proċedura kollettiva ta' arranġament mal-krediturі kontra Phoenix matul is-sena 2005. Din il-kumpannija ġiet xolta f'dan iż-żmien u issa tinsab fi stralċ ġudizzjarju. Il-mudell kummerċjali ta' Phoenix kien ibbażat fuq skema frawdolenti piramidali.

13 E. Baumeister huwa wieħed mill-investituri leżi mill-attivitajiet ta' Phoenix. Huwa invoka quddiem l-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji l-Artikolu 1(1) tal-IFG, sabiex ikollu aċċess għal dokumenti dwar Phoenix, bħal rapport ta' verifika speċjali, rapporti tal-awdituri, dokumenti interni, rapporti u korrispondenza rċevuta jew miktuba minn dan l-uffiċċju fil-kuntest tal-attività ta' sorveljanza tiegħu ta' Phoenix. L-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji rrifjuta li jilqa' din it-talba għal aċċess.

14 Wara lment mingħajr suċċess, E. Baumeister ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji quddiem il-Verwaltungsgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Amministrattiva ta' Frankfurt-am-Mein, il-Ġermanja). Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Marzu 2008, din ordnat lil dan l-uffiċċju biex jagħti l-aċċess għad-dokumenti mitluba, minbarra sigrieti industrijali u kummerċjali kif ukoll dokumenti dwar l-Awtorità tas-servizzi finanzjarji tar-Renju Unit.

15 Permezz ta' sentenza tad-29 ta' Novembru 2013, il-Hessischer Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema ta' Hesse, il-Ġermanja), adita b'appell mill-imsemmija sentenza, iddeċidiet, minn naħa, li E. Baumeister kellu dritt ta' aċċess għad-dokumenti mitluba skont l-Artikolu 1(1) tal-IFG u, min-naħa l-oħra, li t-talba għal aċċess tiegħu ma setgħetx tiġi rrifjutata b'mod ġenerali abbażi tal-applikazzjoni flimkien tal-punt 4 tal-Artikolu 3 tal-IFG u tal-Artikolu 9(1) tal-KWG. Hija qieset li l-aċċess għad-dokumenti inkwistjoni seta' jiġi miċħud biss f'dak li jirrigwarda s-sigrieti industrijali u kummerċjali, li kellhom jiġu identifikati individwalment f'kull każ konkret, bħad-data personali ta' terzi. Ma tirriżulta ebda soluzzjoni oħra mid-dritt tal-Unjoni.

16 L-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji appella għal reviżjoni ta' din is-sentenza quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja).

17 Din il-qorti tal-aħħar tirrileva, essenzjalment, li l-portata li l-Hessischer Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Suprema ta' Hesse) irrikonoxxiet għall-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 9(1) tal-KWG hija limitata wisq f'żewġ aspetti. Fl-ewwel lok, din id-dispożizzjoni hija intiża li tipproteġi b'mod ġenerali l-informazzjoni kollha li l-impriża ssorveljata jew terz għandhom interess leġittimu li jipproteġu l-kunfidenzjalità tagħha, inkluża l-informazzjoni li għandha valur

patrimonjali li jista' jkun irrealizzat fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk tirrigwardax strettament sigrieti industrijali jew kummerċjali. Fit-tieni lok, l-imsemmija dispożizzjoni tipproteġi wkoll mill-iżvelar l-informazzjoni li l-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji għandu interess leġittimu li jipproteġi l-kunfidenzjalità tagħha. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi eżaminat l-kontenut tal-informazzjoni kkonċernata sabiex tinstab l-eżistenza ta' tali interess leġittimu. Barra minn hekk, il-punt sa fejn l-informazzjoni għandha tingħata protezzjoni għandu bħala regola ġenerali jonqos maż-żmien.

18 Madankollu, fid-dawl tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kwistjoni jekk il-portata tal-obbligu ta' kunfidenzjalità stabbilit fl-Artikolu 9(1) tal-KWG għandhiex tiġi interpretata b'mod iktar wiesa'.

19 F'dan ir-rigward, essenzjalment, l-imsemmija qorti, minn naħa, tfakkar ċerti kunsiderazzjonijiet tal-qorti tal-Unjoni stabbiliti fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), kif ukoll tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni, C-612/13 P, EU:C:2015:486, punti 68, 69 u 77, kif ukoll tat-28 ta' Jannar 2015, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni, T-341/12, EU:T:2015:51, punti 84 u 94). Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-ispeċifiċitajiet tal-attività ta' kontroll tas-swieq finanzjarji jistgħu jiġġustifikaw li tingħata portata partikolarment wiesgħa għall-Artikolu 9(1) tal-KWG, inkluż minn perspettiva temporali.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1). a) L-informazzjoni kollha dwar l-impriża li tiġi kkomunikata mill-impriża ssorveljata lill-awtorità ta' sorveljanza taqa', indipendentement minn kundizzjonijiet oħra, taħt il-kunċett ta' "tagħrif [informazzjoni kunfidenzjali]" fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva [2004/39], u, għaldaqstant, taħt il-kunċett ta' sigriet professjonali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 54(1) tal-imsemmija direttiva?

b) Id-dikjarazzjonijiet kollha tal-awtorità ta' sorveljanza li jinsabu fil-fajl, inklużа l-korrispondenza tagħha ma' dipartimenti oħra, jaqgħu, indipendentement minn kundizzjonijiet oħra, taħt l-obbligu ta' kunfidenzjalità impost fuq l-awtoritajiet ta' sorveljanza ("sigriet li jitlob il-prudenza"), li jagħmel parti mis-sigriet professjonali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għal waħda mid-domandi (a) jew (b) hawn fuq:

c) Id-dispożizzjoni dwar is-sigriet professjonali li tinsab fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandha tiġi interpretata fis-sens li, sabiex informazzjoni tiġi kklassifikata bħala kunfidenzjali jew le,

aa) importanza deċiżiva tingħata lill-punti dwar jekk informazzjoni taqax min-natura tagħha taħt is-sigriet professjonali jew jekk l-aċċess għall-informazzjoni jistax jippreġudika konkretament u effettivament l-interess tal-kunfidenzjalità tagħha, jew

bb) għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra li fil-preżenza tagħhom l-informazzjoni taqa' taħt is-sigriet professjonali, jew

cc) rigward l-informazzjoni dwar l-impriża li tiġi kkomunikata mill-[impriża ssorveljata] u li tinsab fil-fajl tal-awtorità ta' sorveljanza kif ukoll dokumenti marbuta magħha tal-awtorità ta' sorveljanza, din tal-aħħar tista' tinvoka preżunzjoni konfutabbli li din hija sigriet tal-impriża jew sigriet li jitlob il-prudenza?

2) Il-kunċett ta' 'informazzjoni kunfidenzjali' fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-klassifikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-impriża kkomunikata lill-awtorità ta' sorveljanza bħala sigriet tal-impriża li ħaqqu protezzjoni jew informazzjoni oħra li ħaqqha protezzjoni, l-uniku fattur rilevanti huwa d-data li fiha din ġiet ikkomunikata lill-awtorità ta' sorveljanza?

Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda:

3) Għandu jitqies, għall-finijiet tal-kwistjoni dwar jekk informazzjoni dwar l-impriża għandhiex tiġi protetta inkwantu sigriet tal-impriża minkejja tibdil fl-ambjent ekonomiku u taqa' għaldaqstant taħt is-sigriet professjonali skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39, li jeżisti b'mod ġenerali limitu fiż-żmien – pereżempju ta' ħames snin –, li mal-iskadenza tiegħu teżisti preżunzjoni konfutabbli li l-informazzjoni tilfet il-valur ekonomiku tagħha? L-istess jgħodd għas-sigriet li jitlob il-prudenza?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni kollha dwar l-impriża ssorveljata u kkomunikata minnha lill-awtorità kompetenti, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha ta' din l-awtorità li jinsabu fil-fajl ta' sorveljanza tagħha, inkluża l-korrispondenza tagħha ma' dipartimenti oħrajn tikkostitwixxi, b'mod inkundizzjonat, informazzjoni kunfidenzjali, koperta, għaldaqstant, mill-obbligu li jinżamm is-sigriet professjonali previst f'din id-dispożizzjoni. Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, hija tistaqsi, essenzjalment, liema huma l-kriterji rilevanti sabiex jiġi ddeterminat liema informazzjoni, fost dik miżmuma mill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri sabiex jissodisfaw il-funzjonijiet previsti minn din id-direttiva (iktar 'il quddiem l-"awtoritajiet kompetenti"), għandha titqies li tissodisfa din il-klassifikazzjoni.

22 F'dan ir-rigward, hemm lok jiġi kkonstatat li la l-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/39 u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tagħha ma jindikaw espressament liema informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti għandha tiġi kklassifikata bħala "kunfidenzjali" u taqa', konsegwentement, taħt il-kappa tal-obbligu tas-sigriet professjonali.

23 Barra minn hekk, minkejja li r-regoli nazzjonali rilevanti fil-qasam huma kkaratterizzati minn diversità kunsiderevoli, it-test tad-Direttiva 2004/39 ma jagħmilx riferiment għad-drittijiet nazzjonali f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tas-sens u tal-portata tal-kunċett ta' "tagħrif [informazzjoni] kunfidenzjali" li jinsab fl-Artikolu 54(1) ta' din id-direttiva.

24 Issa, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li, sa fejn dispożizzjoni tiegħu ma tagħmilx riferiment għad-dritt tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda kunċett partikolari, dan tal-aħħar għandu jingħata, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi. Din l-interpretazzjoni għandha tiġi stabbilita billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-formulazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni kif ukoll il-kuntest tagħha u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Fish Legal u Shirley, C-279/12, EU:C:2013:853, punt 42, kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2015, A, C-184/14, EU:C:2015:479, punti 31 u 32).

25 Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/39, il-fatt li dan jirreferi ripetutament għat-"tagħrif [informazzjoni] kunfidenzali" u mhux, b'mod ġenerali, għal "informazzjoni", jimplika li hemm lok li ssir distinzjoni bejn l-informazzjoni kunfidenzjali u l-informazzjoni l-oħra, mhux kunfidenzjali, li l-awtoritajiet kompetenti għandhom inkonnessjoni mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

26 F'dak li jirrigwarda l-kuntest li jidħol fih l-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/39, kif ukoll l-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva, mill-premessa 2 tal-imsemmija direttiva jirriżulta li din hija intiża li tilħaq il-grad ta' armonizzazzjoni meħtieġ sabiex l-investituri jingħataw livell għoli ta' protezzjoni u sabiex l-impriżi ta' investiment ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom ġewwa l-Unjoni kollha abbażi tas-sorveljanza eżerċitata fl-Istat Membru ta' oriġini (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 26).

27 Mit-tieni sentenza tal-premessa 63 tad-Direttiva 2004/39 jirriżulta wkoll li, f'kuntest ta' attività transkonfinali dejjem tiżdied, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti għandhom jipprovdu lil xulxin l-informazzjoni neċessarja għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni effettiva ta' din id-direttiva (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 27).

28 Għalhekk, skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2004/39, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jikkontrollaw b'mod permanenti l-attività tal-impriżi ta' investiment sabiex jiżguraw li dawn josservaw l-obbligi tagħhom (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 28).

29 L-Artikolu 50(1) u (2) tal-istess direttiva jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddisponu mis-setgħat kollha tagħhom ta' sorveljanza u ta' investigazzjoni neċessarji għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, inkluż id-dritt li jkollhom aċċess għal kull dokument u li jitolbu għal informazzjoni minn kull persuna (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 29).

30 Barra minn hekk, l-Artikolu 56(1) tad-Direttiva 2004/39 jiddisponi li kull awtorità kompetenti għandha tagħti l-assistenza tagħha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn u li, b'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew ta' attivitajiet ta' sorveljanza (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 30).

31 Il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' kontroll tal-attività tal-impriżi ta' investiment, ibbażata fuq sorveljanza eżerċitata fi ħdan Stat Membru u fuq l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' diversi Stati Membri, hekk kif deskritt fil-qosor fil-punti preċedenti, jeħtieġ li kemm l-impriżi ssorveljati kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkunu ċerti li l-informazzjoni kunfidenzjali pprovduta żżomm bħala regola n-natura kunfidenzjali tagħha (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 31).

32 Bħalma jirriżulta b'mod partikolari mill-aħħar sentenza tal-premessa 63 tad-Direttiva 2004/39, l-assenza ta' tali fiduċja hija ta' natura li tikkompromett t-trasferiment mingħajr problemi tal-informazzjoni kunfidenzjali neċessarja għall-eżerċizzju tal-attività ta' sorveljanza (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 32).

33 Huwa għalhekk sabiex jiġu protetti mhux biss l-interessi speċifiċi tal-impriżi direttament ikkonċernati, iżda wkoll l-interess ġenerali marbut mal-funzjonament normali tas-swieq ta' strumenti finanzjarji tal-Unjoni, li l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 jimponi, bħala regola ġenerali, l-obbligu ta' żamma tas-sigriet professjonali (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punt 33).

34 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ma jistax jiġi dedott, la mill-formulazzjoni tal-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/39 u lanqas mill-kuntest li jidħol fih dan l-artikolu, u lanqas mill-għanijiet imfittxija minn din id-direttiva, li l-informazzjoni kollha dwar l-impriża ssorveljata u kkomunikata minnha lill-awtorità kompetenti, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha ta' din l-awtorità li jinsabu fil-fajl ta' sorveljanza tagħha, inkluża l-korrispondenza tagħha ma' dipartimenti oħrajn, għandha bilfors titqies bħala kunfidenzjali.

35 Fil-fatt, minn dawn l-istess kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-projbizzjoni ġenerali ta' żvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali stabbilita fl-Artikolu 54(1) tal-imsemmija direttiva tkopri l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti li, l-ewwel nett, ma hijiex ta' natura pubblika u li, it-tieni nett, l-iżvelar tagħha jista' jimmina l-interessi tal-persuna fiżika jew ġuridika li pprovdietha jew ta' terzi, jew anki l-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kontroll tal-attività tal-impriżi ta' investiment li l-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa meta adotta d-Direttiva 2004/39.

36 Għandu madankollu jitfakkar li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt preċedenti għandhom jinftiehmu bla ħsara għal dak li jipprevedu dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni intiżi li jipproteġu b'mod iktar strett il-kunfidenzjalità ta' ċerta informazzjoni.

37 Fost dawn id-dispożizzjonijiet hemm it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 58(1) tad-Direttiva 2004/39, dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti, li jipprovdi li "[l]-awtoritajiet kompetenti li jiskambjaw it-tagħrif ma' awtoritajiet kompetenti oħra skond din id-Direttiva jistgħu jindikaw mal-waqt tal-komunikazzjoni li dan it-tagħrif ma jridx jiġi żvelat mingħajr il-qbil espress tagħhom, f'liema każ dan it-tagħrif jista jiġi skambjat biss għall-għanijiet li għalihom dawn l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom".

38 Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/39 joħloq prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni ta' żvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti u jistipula b'mod eżawrjenti l-każijiet speċifiċi li fihom din il-projbizzjoni ġenerali ma hijiex, eċċezzjonalment, ta' ostakolu għat-trasferiment jew użu tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punti 34 u 35).

39 L-imsemmi artikolu għaldaqstant ma għandux l-għan li joħloq dritt ta' aċċess lill-pubbliku għall-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti jew li jirregola b'mod iddettaljat l-eżerċizzju ta' tali dritt ta' aċċess irrikonoxxut, skont il-każ, mid-dritt nazzjonali.

40 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/39 jissodisfa għan differenti minn dak imfittex mir-Regolament Nru 1049/2001.

41 Fil-fatt, dan tal-aħħar huwa intiż li jagħti lill-pubbliku dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li huwa l-iktar wiesa' possibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2008, L-Iżvezja u Turco vs Il-Kunsill, C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374, punt 33, kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni, C-612/13 P, EU:C:2015:486, punt 57).

42 Huwa fid-dawl ta' tali għan li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Regolament Nru 1049/2001 jimponi, bħala prinċipju, obbligu fuq l-istituzzjoni tal-Unjoni li biħsiebha tirrifjuta l-aċċess għal dokument, li tipprovdi spjegazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni dwar kif l-aċċess għal dan id-dokument jista' konkretament jippreġudika l-interess protett minn waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fid-dritt ta' aċċess inkwistjoni, bla ħsara għall-possibbiltà għal din l-istituzzjoni li tibbaża ruħha, f'dan ir-rigward, fuq preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità li tapplika għal kategorija ta' dokumenti meta kunsiderazzjonijiet ta' ordni ġenerali simili jistgħu japplikaw għal talbiet ta' żvelar li jirrigwardaw dokumenti tal-istess natura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2008, L-Iżvezja u Turco vs Il-Kunsill, C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374, punti 48 sa 50, kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2015, ClientEarth vs Il-Kummissjoni, C-612/13 P, EU:C:2015:486, punti 68, 69 u 77).

43 Min-naħa l-oħra, meta, aditi minn individwu b'talba għal aċċess għal informazzjoni dwar impriża ssorveljata, l-awtoritajiet kompetenti jqisu, fid-dawl tal-kundizzjonijiet kumulattivi stipulati fil-punt 35 ta' din is-sentenza, li l-informazzjoni mitluba hija kunfidenzjali, fis-sens tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39, dawn jistgħu jilqgħu tali talba biss fil-każijiet elenkati b'mod eżawrjenti f'dan l-Artikolu 54.

44 Fl-aħħar nett għandu jiġi enfasizzat li, peress li l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandu l-għan uniku li jobbliga lill-awtoritajiet kompetenti li jirrifjutaw, bħala prinċipju, l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeċiedu li jestendu l-protezzjoni kontra l-iżvelar għall-kontenut kollu tal-fajls ta' sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti jew, għall-kuntrarju, li jippermettu l-aċċess għall-informazzjoni fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti li ma hijiex informazzjoni kunfidenzjali fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

45 F'dan il-każ, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinvju li tivverifika, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jekk l-informazzjoni miżmuma mill-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji li ġie mitlub l-iżvelar tagħha taqax taħt l-obbligu tas-sigriet professjonali li dan l-uffiċċju huwa obbligat josserva skont l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39.

46 Fid-dawl ta' dan kollu preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni kollha dwar l-impriża ssorveljata u kkomunikata minnha lill-awtorità kompetenti, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha ta' din l-awtorità li jinsabu fil-fajl ta' sorveljanza tagħha, inkluża l-korrispondenza tagħha ma' dipartimenti oħrajn, ma tikkostitwixxix, b'mod inkundizzjonat, informazzjoni kunfidenzjali, koperta, għaldaqstant, mill-obbligu li jinżamm is-sigriet professjonali previst f'din id-dispożizzjoni. Taqa' taħt din il-klassifikazzjoni l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti li, l-ewwel nett, ma hijiex ta' natura pubblika u li, it-tieni nett, l-iżvelar tagħha jista' jimmina l-interessi tal-persuna fiżika jew ġuridika li pprovdietha jew ta' terzi, jew anki l-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kontroll tal-attività tal-impriżi ta' investiment li l-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa meta adotta d-Direttiva 2004/39.

Fuq it-tieni domanda

47 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-evalwazzjoni tan-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni dwar l-impriża ssorveljata u kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti tiddependi mid-data ta' din il-komunikazzjoni u mill-klassifikazzjoni ta' din l-informazzjoni f'din id-data.

48 Għandu jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li, sabiex ma jiġux kompromessi l-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39, kif irrilevati fil-punt 33 ta' din is-sentenza, l-awtoritajiet kompetenti huma bħala prinċipju obbligati li josservaw l-obbligu tas-sigriet professjonali li jaqa' fuqhom skont din id-dispożizzjoni fil-perijodu kollu li l-informazzjoni li huma għandhom taħt din id-direttiva għandha titqies bħala kunfidenzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Altmann *et*, C-140/13, EU:C:2014:2362, punti 31 u 34).

49 Dan ingħad, bħalma osservaw essenzjalment il-qorti tar-rinviju u l-Kummissjoni Ewropea, il-fatt li jkun għadda ż-żmien jikkostitwixxi ċirkustanza li normalment tista' tinfluwenza l-analiżi tal-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet li l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kkonċernata tiddependi minnhom humiex issodisfatti f'mument partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2010, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, C-362/08 P, EU:C:2010:40, punti 56 u 57, kif ukoll tal-14 ta' Marzu 2017, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni, C-162/15 P, EU:C:2017:205, punt 64).

50 Konsegwentement, hemm lok jitqies li l-projbizzjoni ġenerali ta' żvelar tal-informazzjoni kunfidenzjali stipulata fl-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 tkopri l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti li għandha tiġi kklassifikata bħala "kunfidenzjali" fl-eżami tat-talba għal żvelar, indipendentement mill-klassifikazzjoni ta' din l-informazzjoni fil-mument meta ġiet ikkomunikata lil dawn l-awtoritajiet.

51 Għaldaqstant ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandu jiġi interpretat fis-sens li n-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni dwar l-impriża ssorveljata u kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti għandha tiġi evalwata fid-data tal-eżami li dawn l-awtoritajiet huma msejħa jagħmlu sabiex jiddeċiedu fuq it-talba għal żvelar li tirrigwarda l-imsemmija informazzjoni, indipendentement mill-klassifikazzjoni tagħha matul il-komunikazzjoni tagħha lill-imsemmija awtoritajiet.

Fuq it-tielet domanda

52 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti li ilha ħames snin jew iktar bħala prinċipju ma tibqax taqa' taħt is-sigriet tan-negozju jew taħt kategoriji oħrajn ta' informazzjoni kunfidenzjali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

53 Fir-rigward speċifikament tal-informazzjoni li taqa' taħt is-sigrieti tan-negozju, għandu jitfakkar li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-protezzjoni ta' tali sigrieti tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Varec, C-450/06, EU:C:2008:91, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li meta l-informazzjoni li setgħet tikkostitwixxi sigrieti tan-negozju f'ċertu perijodu tkun ilha ħames snin jew iktar, bħala prinċipju din titqies, minħabba li għadda ż-żmien, bħala storika u li tkun tilfet, minħabba dan il-fatt, in-natura sigrieta tagħha sakemm, b'mod eċċezzjonali, il-parti li tinvoka din in-natura ma turix li, minkejja li hija antika, din l-informazzjoni għadha tikkostitwixxi element essenzjali tal-pożizzjoni kummerċjali tagħha jew ta' dik ta' terzi kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni, C-162/15 P, EU:C:2017:205, punt 64).

55 Il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt preċedenti huma applikabbli wkoll fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39, sa fejn dawn irrigwardaw l-evoluzzjoni *ratione temporis* tar-rilevanza ta' ċerta informazzjoni għall-pożizzjoni kummerċjali tal-impriżi kkonċernati.

56 Min-naħa l-oħra, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma japplikawx f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti li l-kunfidenzjalità tagħha tista' tkun iġġustifikata minn raġunijiet differenti mill-importanza tagħha għall-pożizzjoni kummerċjali tal-impriżi kkonċernati, bħal, b'mod partikolari, l-informazzjoni dwar il-metodoloġija u l-istrateġiji ta' sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti.

57 Konsegwentement, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti li setgħet tikkostitwixxi sigrieti tan-negozju, iżda li ilha ħames snin jew iktar, titqies, bħala prinċipju, minħabba li għadda ż-żmien, bħala storika u li tkun tilfet, minħabba dan il-fatt, in-natura sigrieta tagħha sakemm, b'mod eċċezzjonali, il-parti li tinvoka din in-natura ma turix li, minkejja li hija antika, din l-informazzjoni għadha tikkostitwixxi element essenzjali tal-pożizzjoni kummerċjali tagħha jew ta' dik ta' terzi kkonċernati. Tali kunsiderazzjonijiet ma japplikawx għall-informazzjoni miżmuma minn dawn l-awtoritajiet, li l-kunfidenzjalità tagħha tista' tiġi ġġustifikata minn raġunijiet differenti mill-importanza tagħha għall-pożizzjoni kummerċjali tal-impriżi kkonċernati.

Fuq l-ispejjeż

58 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni kollha dwar l-impriża ssorveljata u kkomunikata minnha lill-awtorità kompetenti, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet kollha ta' din l-awtorità li jinsabu fil-fajl ta' sorveljanza tagħha, inkluża l-korrispondenza tagħha ma' dipartimenti oħrajn, ma tikkostitwixxix, b'mod inkundizzjonat, informazzjoni kunfidenzjali, koperta, għaldaqstant, mill-obbligu li jinżamm is-sigriet professjonali previst f'din id-dispożizzjoni. Taqa' taħt din il-klassifikazzjoni l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri sabiex jissodisfaw il-funzjonijiet previsti minn din id-direttiva li, l-ewwel nett, ma hijiex ta' natura pubblika u li, it-tieni nett, l-iżvelar tagħha jista' jimmina l-interessi tal-persuna fiżika jew ġuridika li pprovdietha jew ta' terzi, jew anki l-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kontroll tal-attività tal-impriżi ta' investiment li l-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa meta adotta d-Direttiva 2004/39.**

2) **L-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandu jiġi interpretat fis-sens li n-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni dwar l-impriża ssorveljata u kkomunikata lill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri sabiex jissodisfaw il-funzjonijiet previsti minn din id-direttiva għandha tiġi evalwata fid-data tal-eżami li dawn l-awtoritajiet huma msejħa jagħmlu sabiex jiddeċiedu fuq it-talba għal żvelar li tirrigwarda l-imsemmija informazzjoni, indipendentement mill-klassifikazzjoni tagħha matul il-komunikazzjoni tagħha lill-imsemmija awtoritajiet.**

3) **L-Artikolu 54(1) tad-Direttiva 2004/39 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet innominati mill-Istati Membri sabiex jissodisfaw il-funzjonijiet previsti minn din id-direttiva li setgħet tikkostitwixxi sigrieti tan-negozju, iżda li ilha ħames snin jew iktar, titqies, bħala prinċipju, minħabba li għadda ż-żmien, bħala storika u li tkun tilfet, minħabba dan il-fatt, in-natura sigrieta tagħha sakemm, b'mod eċċezzjonali, il-parti li tinvoka din in-natura ma turix li, minkejja li hija antika, din l-informazzjoni għadha tikkostitwixxi element essenzjali tal-pożizzjoni kummerċjali tagħha jew ta' dik ta' terzi kkonċernati. Tali kunsiderazzjonijiet ma japplikawx għall-informazzjoni miżmuma minn dawn l-awtoritajiet, li l-kunfidenzjalità tagħha tista' tiġi ġġustifikata minn raġunijiet differenti mill-importanza tagħha għall-pożizzjoni kummerċjali tal-impriżi kkonċernati.**

Firem